REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/158

tal-5 ta' Frar 2020

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/799 għall-fini ta' tagħmir tal-użin abbord

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Billi:

(1) L-installazzjoni ta' tagħmir tal-użin abbord hija opzjoni prevista għall-Istati Membri permezz tal-Artikolu 10d(5) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE ([2]) għat-twettiq tal-kontroll ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li x'aktarx ikunu qabżu l-piż massimu awtorizzat.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1213 ([3]) jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati li jiżguraw regoli uniformi dwar l-interoperabbiltà u l-kompatibbiltà tat-tagħmir tal-użin abbord.

(3) Peress li r-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1213 huma f'kunflitt mad-dispożizzjonijiet dwar it-tagħmir tal-użin abbord stabbiliti fl-Appendiċi 14 tal-Anness IC tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/799 ([4]), dak l-Anness jenħtieġ li jiġi emendat sabiex jitħassar il-punt 5.5 tal-Appendiċi 14.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Trasport bit-Triq, imsemmi fl-Artikolu 42(3) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-punt 5.5 tal-Appendiċi 14 tal-Anness IC tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/799 jitħassar.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq, (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1213 tat-12 ta' Lulju 2019 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati li jiżguraw kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà u tal-kompatibbiltà tat-tagħmir għall-użin abbord skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU L 192, 18.7.2019, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/799 tat-18 ta' Marzu 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-kostruzzjoni, l-ittestjar, l-istallazzjoni, l-operazzjoni u t-tiswija ta' takografi u l-komponenti tagħhom (ĠU L 139, 26.5.2016, p. 1).

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Frar 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN